MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 68/2010

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti B A u l-konvenut C D żżewġu fis-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. **SM1**;

2. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

3. Illi l-partijiet iltaqgħu biss għal żmien limitat qabel ma żżewġu u dan għaliex filwaqt li r-rikorrenti kienet tgħix ġewwa Malta, l-intimat kien jgħix ġewwa' l-Italja;

4. Illi r-rikorrenti, għalkemm kienet miġbuda lejn l-intimat, daħlet għal dan iż-żwieġ primarjament minħabba raġunijiet ta' problemi relatati mal-*working permit* ta' l-intimat u xejn aktar;

5. Illi ż-żwieġ tal-partijiet ġie kkunsmat biss wara erba' (4) snin u kien frott ta' dan li sussegwentement twieled il-minuri Matteo D li llum il-ġurnata għandu għaxar (10) snin u nofs;

6. Illi frott ta' relazzjoni intimata li ġiet fis-seħħ wara insistenza da parti tar-rikorrenti stante li l-intimat eskluda l-intimita' bejniethom kważi għal kollox, twieldet il-minuri Mariah li llum il-ġurnata għandha tmien (8) snin;

7. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewwġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

8. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-liġi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi datat is-sebgħa (7) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) hawn fuq imsemmi kien null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan ai termini ta' l-artikoli 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi r-rispondent jaqbel illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija u erbgha u disghin (1994) ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett izda dan mhux ghar-ragunijiet imputabbli lir-rispondent u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

2. Illi r-rispondent jaqbel illi da parti taz-zewg kontendenti kien hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha, u dan ukoll anke in vista tal-fatt illi meta gie kuntrattat dan iz-zwieg, iz-zewg kontendenti kienu ghadhom zghar hafna fl-eta – ir-rispondent kellu ghoxrin (20) sena waqt li l-attrici kellha biss tmintax-il (18) sena.

3. Illi r-rispondent jissottometti illi l-kwistjoni tal-otteniment tal-*work permit* kienet fattur illi minhabba fih id-decizjoni ghall-kuntrattazzjoni ta’ dan iz-zwieg giet accellerata indebitament u dan kellu effett negattiv ukoll fuq il-liberta` tal-kunsens tal-kontendenti.

4. Illi r-rispondent wara l-kuntrattazzjoni taz-zwieg sar jaf bi u skopra diversi sfaccettaturi tal-karattru tal-attrici illi huwa ma kienx jaf bihom qabel u li, kieku kien jaf bihom, kien ikollhom effett avvers fuq id-decizjoni tieghu li jikkuntratta z-zwieg mal-attrici.

5. Illi r-rispondent m’ghandux jigi akkollat b’ebda spejjez relattivi ghal din il-procedura;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti a’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi meta kienet ghadha l-iskola fis-sena 1990 bdiet tikkorrispondi bhala penfriend mal-konvenut. Dak iz-zmien kellha erbghatax (14) il-sena u din kienet avventura ghaliha. Sentejn wara il-konvenut gie Malta u hi iltaqghet mieghu meta kellha biss sittax (16) il-sena. Kien dam biss ghaxart ijiem u kien ghogobha u bdew isejjhu lil xulxin girlfriend u boyfriend, izda ghaliha din ma kienitx xi haga serja, imma kienet biss avventura. Apparti minn hekk, il-konvenut kien jghix l-Italja u hi kienet tghix Malta. L-attrici ammettiet illi kien hemm guvni jismu Giuseppe li ma setghetx tinsih, izda li ma setghax jidhol f’relazzjoni serja maghha. Lill-konvenut kienet qaltlu fuq Giuseppe imma l-konvenut ma kienx ta kaz, pero’ ma kienitx qaltlu li kienet attratta lejn dan Giuseppe. L-attrici kompliet tixhed illi wara li izzewget lill-konvenut, baqghet tikkomunika ma Giuseppe u wara li kienu ghaddew xi snin, Giuseppe kien qalilha li kien ihobbha u li riedha tkun martu, izda meta qalilha dan il-kliem, kien tard wisq ghax kienet diga izzewget. L-attrici xehdet illi kienet marret l-Italja tiltaqa mal-konvenut, izda il-genituri tal-konvenut ma kienux ihalluha wahedha mieghu u ohtu kienet tohrog maghhom kullimkien. Irritornat Malta u hi u il-konvenut kienu baqghu jikkorrispondu bl-ittri. Kien qalilha li meta jaslulu l-ittri taghha kien ikun hemm pagni neqsin u irrizulta lill-attrici illi l-familja tal-konvenut ma rieduhx jizzewweg lill-attrici. Il-konvenut kellu jigi Malta fi Frar 1993, izda ma kienx gie ghaliex il-familjari tieghu ma hallewhx jigi. Kien ikun hemm zmien li riedet tittermina kollox mal-konvenut, izda kien jibda jibki u jghidilha li kien ser isolvi il-problemi kollha. Fl-ahhar f’April 1993, il-konvenut kien gie Malta ma ommu u ommu ma kienitx halliethom joqghodu wahedhom u ghalhekk ma kienux saru verament jafu il-karattru ta’ xulxin. L-attrici telghet ghand il-familja tal-konvenut f’Awissu 1993 u deherilha li verament ma rieduhiex tkun mal-konvenut. Missier il-konvenut ried ikecciha barra mid-dar akkost ta’ kollox. Kienu iwahhlu fiha li kienet ser jitilfu lil binhom u il-konvenut ma kienx jaqbez ghaliha. L-attrici xehdet illi kienet ghadha zghira u immatura u ma kienitx taf li l-

konvenut ma kienx verament ihobbha, izda ried jizzewwigha biex ikollu il-visa u il-working permit biex jahdem Malta u biex jevita l-obbligi tieghu lejn l-istat Taljan. F’Lulju 1994 il-konvenut kellu jigi Malta biex jizzewweg lill-attrici, izda fl-ahhar qalilha li ma kienx gej. L-attrici ghalhekk qaltlu li ma rieditx tkompli aktar mieghu u il-konvenut f’daqqa wahda biddel l-atteggjament kollu tieghu. F’Awissu 1994 il-konvenut kien rega gie Malta biex jipperswadija terga tohrog mieghu, izda hi kienet tohrog ma haddiehor u hu kien jaf. Il-konvenut riedha bil-fors titlaq lil dan il-guvni u hi kienet thassritu, minkejja li ma kienitx ghadha migbuda l-lejh, regghet irrangat ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Fi ftit zmien il-konvenut sab xoghol Malta, izda l-employer kien qallu car u tond li jekk ried ikompli jahdem Malta kellu jara kif jaghmel biex igib il-working permit u ghalhekk il-konvenut beda jippressa lill-attrici biex tizzewgu u ghalhekk fi zmien qasir hafna, f’Novembru 1994 l-attrici u il-konvenut izzewgu. Hija qalet illi t-tnejn li huma kienu jafu illi kienu izzewgu biss sabiex il-konvenut ma jkollux problemi biex jibqa Malta u ma jinqabadx l-Italja bil-lieva. L-attrici xehdet illi ma kien hemmx intimita bejnha u bejn il-konvenut u baqghu ma ikkunsmawx iz-zwieg taghhom sa erba’ snin wara li kienu izzewgu. Ghall-konvenut kienet qisa xi haga ta’ bil-fors. L-attrici harget tqila mal-ewwel, izda il-familjari tal-konvenut baqghu ma accettawhiex u is-sitwazzjoni bejn il-partijiet baqghet sejra dejjem mill-hazin ghall-aghar, jghixu zewg hajjiet separati minkejja li kienu joqghodu fl-istess dar. L-attrici xehdet illi ma kienx hemm intimita bejnha u bejn il-konvenut u l-att sesswali kien ikun sforz il-pressjoni li kienet taghmel hi. L-attrici harget tqila it-tieni darba u wara li kellha it-tieni wild, spiccat tghix biss ghat-tfal. Dejjem kienet tkun imdejjqa, bezghet li jekk titlaq lill-konvenut kienu ser ibaghtu it-tfal.

Illi gara umbaghad kien illi bint il-partijiet qabditha il-marda tal-cancer u ghall-ewwel darba l-attrici u il-konvenut gibdu habel wiehed biex jippruvaw isalvaw il-hajja ta’ binthom. Ma dana kollu, is-sitwazzjoni ta’ bejniethom baqghet l-istess. Meta bint il-partijiet hadet il-kura u ghaddiela, l-attrici iddecidiet illi titlaq lill-konvenut. Irrealizzat kemm kienet zbaljata u immatura meta

iddecidiet illi tizzewweg lill-konvenut. Hija xehdet illi meta izzewgitu kienet tahseb illi billi tizzewgu kienet ser issolvi il-problemi kollha u kienu isiru ihobbu lil xulxin. Ma dana kollu,
issa tirrealizza illi minghajr imhabba, rispett u lealta zwieg ma jistax jirnexxi.

Illi xehdet M M u ikkonfermat ix-xiehda tal-attrici u l-istess ghamlet S B, il-habiba tal-attrici, kif ukoll N N. Xehdet ukoll G B, omm l-attrici illi ukoll ikkonfermat ix-xiehda illi tat bintha.

Illi xehed il-konvenut, u ikkonferma illi kien jiltaqa mal-attrici xi darbtejn, jew tlett darbiet fis-sena. Huwa ikkonferma illi ommu u missieru ma kienux ihalluh joqghod wahdu mal-attrici meta din kienet titla tarah l-Italja u ghalhekk kien hemm tensjoni u nuqqas ta’ qbil bejn ommu u l-attrici. Il-konvenut xehed illi meta l-attrici kienet qaltlu illi kienet harget ma ragel iehor Taljan, kien hadha bi kbira, izda kien hafrilha u wara xi snin kienu iffissaw id-data taz-zwieg. Il-konvenut ikkonferma illi hu u l-attrici kellhom jizzewgu minhabba il-work permit, peress illi fiz-zmien illi izzewgu Malta ma kienitx membru tal-Unjoni Ewropeja u ghalhekk il-konvenut, peress illi kien Taljan, ma setghax jahdem f’Malta. Il-konvenut ikkonferma wkoll illi baqghu ma ikkunsmawx iz-zwieg taghhom ghal erba’ snin shah wara li kienu izzewgu.

Illi l-Qorti rat illi l-attrici tat bhala ragunijiet ghalfejn iz-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null billi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-hajja mizzewwġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat :

Illi ghar-rigward tat-tieni kawzali, jigifieri illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, il-kawzali ikkontemplata fl-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat illi l-attrici ma irnexxilhiex tipprova din il-kawzali.

Illi effettivament l-attrici kienet taf illi l-konvenut ma kienx ihobbha u li ried jizzewwigha biss sabiex ikun jista ikollu il-'working permit' f'Malta u jevita il-lieva fl-Italja u ghalhekk bl-ebda mod ma ippruvat li giet ingannata sabiex tizzewweg lill-konvenut. Hija tammetti illi la hi u lanqas il-konvenut ma kienu ihobbu lil xulxin, li ma kienx hemm rispett u ebda xewqa sabiex jghixu flimkien bhala mizzewgin u ghalhekk il-Qorti rat illi l-attrici ma giet bl-ebda mod ingannata mill-konvenut u din il-kawzali ma gietx ippruvata.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-kawzali ikkontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 u cioe li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija kontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi biex ikun hemm ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. (Vide sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard deciza fil-21 ta' Novembru, 1995.)

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi att ta' immaturita, izda in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens taghha liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo, deciza fis-26 ta' Ottubru 2000, ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1), kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas, jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, irid ikun hemm l-inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss fl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, ghalhekk jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi inoltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni taghhom fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni tqa' l-ulied.

*2.* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel fiz-zwieg.
*3.* Il-mutual well-being, illi huwa maghqud ma ambjent li iwassal ghat-tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u irrabbu l-ulied fil-kuntest tal- komunita konjugali.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern il-Qorti rat illi iz-zewg partijiet ammettew illi huma izzewgu biss sabiex il-konvenut ikun jista jibqa Malta peress illi huwa kien Taljan. Fiz-zmien illi il-partijiet izzewgu, Malta ma kienitx membru mill-Unjoni Ewropeja u ghalhekk li kieku il-partijiet ma izzewgux il-konvenut ma kienx jinghata permess sabiex jahdem f'Malta.

Irrizulta wkoll illi l-konvenut ried jevita illi jaghmel il-lieva f'pajjizu u kien ghalhekk illi iffitta lill-attrici sabiex tizzewgu, minkejja il-fatt illi kien jaf li kienet qeghda tohrog ma haddiehor u li kienet qaltlu li ma rieditx taf aktar bih.

Illi iz-zewg partijiet ammettew illi ma kellhomx hin sabiex ikunu jafu lil xulxin qabel iz-zwieg, irrizulta ukoll illi iz-zewg partijiet la kienu jinhabbu, la kienu jirrispettaw lil xulxin u certament hadd minnhom ma ried jassumi u jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi ma irrizultax illi xi hadd mill-partijiet kien ibaghti minn xi anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalih, jew ghaliha li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Madanakollu gie ippruvat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizjat b'difett serju ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga u dan irrizulta ukoll mill-ammissjoni taz-zewg partijiet illi damu erba' snin shah sabiex jikkunsmaw iz-zwieg taghhom.

Illi ghalhekk iz-zewg partijiet, minkejja li ghexu taht l-istess saqaf, ma ghexux bhala koppja mizzewga. Ma kien hemm l-ebda komunita tal-hajja bejniethom bhala koppja

mizzewga, ma kienx hemm dik l-ghaqda, dik l-unjoni bejniethom illi jkun hemm bejn il-mizzewgin.

Illi l-Qorti rat mill-assjem tal-provi illi gew prodotti, illi l-partijiet ma kienux jafu x'kienu id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga u ma kienux jafu ezzattament xi ifisser zwieg u kien ghalhekk illi wara illi izzewgu, ghexu hajja separata minkejja li ghexu taht l-istess saqaf u addirittura ikkunsmaw iz-zwieg taghhom wara erba' snin.

Illi l-attrici ghagglet ferm, kellha biss tmintax (18) il-sena meta izzewget lill-konvenut u il-konvenut kien approfitta ruhu minnha sabiex jevita illi jaghmel il-lieva l-Italja, jghix Malta u jkollu il-'work permit' u biex jaghmel dan kollu ried bil-fors jizzewweg lil xi hadd Malti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg bejn il-partijiet datat 7 ta' Novembru 1994 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; Bl-ispejjez illi ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------